MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 372/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Gunju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1851/05ISB**

**Repro House Company Limited (C6638)**

**Vs**

**The Merino Bedding Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Novembru 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1,028.49), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjes u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1,028.49), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------